# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 11 ta' Marzu 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Nru. 553/2020**

## St Catherine Caterers Limited

**v**

## Gordon Borg

Kopja informali

**Fil-qosor**

1. Is-soċjetà attriċi, St Catherine Caterers Limited, tipprovdi xogħolijiet ta' *catering* u qiegħda tallega li l-konvenut għad jonqsu jħallas is-somma ta' €18,000 għas-servizzi ta' *catering* li hija pprovditlu fil-passat.

**X'wassal għall-kawża**

2. Il-konvenut Gordon Borg huwa l-propjetarju tal-'Palazzo Abela' f'Ħal Tarxien. Mill-2012, il-konvenut beda jikri l-Palazzo għall-festini, ikliet u avvenimenti oħra. Biex jagħmel dan, huwa kien jingaġġa s-servizzi ta' *caterers*, fosthom tas-soċjetà attriċi.

3. Fit-22 ta' Marzu 2016, il-konvenut daħal fi ftehim ma' Sandro Vella, direttur tas-soċjetà attriċi u impjegat ieħor tal-istess soċjetà għan-nom tas-soċjetà attriċi. Fuq din il-kitba privata, il-konvenut qabel li:-

> "jibda jsir ħlas mix-xahar ta' April 2016 ta' 600 Euro kull xahar għal catering li jiena irċevejt mingħand St Catherine Caterers fis-sena 2015."[1]

Ma tniżżel xejn aktar fuq din il-kitba.

4. Fis-7 ta' Lulju 2018, l-intimat wettaq pagament ta' €2,000.[2] Però s-soċjetà attriċi tgħid li għad fadal il-bilanċ ta' €18,000 u għalhekk fis-7 ta' Lulju 2020 hija fetħet din il-kawża, b'talba sabiex din il-qorti "tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tmintax-il elf Ewro (€18,000) rappreżentanti xogħol ta' catering li s-soċjetà attriċi għaddiet lill-konvenut."[3]

5. Il-konvenut wieġeb li s-soċjetà attriċi ma ppreżentat l-ebda prova li tiġġustifika l-ammont li qiegħda titlob, u li l-kitba esibita mis-soċjetà attriċi ma tindikax l-ammont ta' flus li kien dovut mill-konvenut. Għal dawn ir-raġunijiet, il-konvenut jargumenta li l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.[4]

**Provi tal-partijiet**

6. Apparti l-kitba privata tat-22 ta' Marzu 2016, u l-irċevuta ta' pagament ta' €2,000 tas-7 ta' Lulju 2018 li ġew hawn fuq imsemmija, is-soċjetà attriċi tellgħet żewġ xhieda bħala prova tal-pretensjoni tagħha – Clayton Ghirxi u Christopher Fiteni, it-tnejn impjegati mas-soċjetà attriċi.

7. Clayton Ghirxi ilu impjegat għal xi erbatax-il sena mas-soċjetà attriċi. Xogħolu huwa li jwassal l-ordnijiet tas-soċjetà attriċi u li jassigura li l-klijent jiffirma l-*invoice* wara li tkun ġiet iċċekkjata l-ordni – liem *invoice* tiġi rritornata lis-soċjetà attriċi wara li tkun saret il-kunsinna. Fix-xhieda tiegħu tat-22 ta' Marzu 2023,[5] huwa qal li ġieli wassal ordnijiet tal-konvenut u għalkemm ma setax jiftakar x'pagamenti kien għad fadallu jagħmel, Clayton Ghirxi ċaħad kategorikament li Gordon Borg qatt għamel xi pagamenti meta kien ikun wassallu l-ikel. Huwa qal li l-*invoices* kien jirritornahom lill-imgħallem tiegħu, Sandro Vella, direttur tas-soċjetà attriċi.

---

[1] Ara l-kitba privata tat-22 ta' Marzu 2016 ta' bejn il-partijiet f'paġna 4.
[2] Ara l-irċevuta ta' pagament imħallas mill-konvenut f'paġni 5-6.
[3] Ara r-rikors ġuramentat ta' Sandro Vella għan-nom u in rappreżentanza ta' St Catherine's Caterers Limited, f'paġni 1-3.
[4] Ara r-risposta ġuramentata ta' Gordon Borg, f'paġni 30-32.
[5] Ara x-xhieda ta' Clayton Ghirxi fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, mhux innumerata fil-proċess.



Kopja informali

8. Xehed ukoll Christopher Fiteni, li jaħdem bħala skrivan mas-soċjetà attriċi u li jingħata l-*invoices* ffirmati mill-klijenti tas-soċjetà attriċi.[6] Huwa kkonferma li Gordon Borg ġieli għamel xi ordnijiet mingħand is-soċjetà attriċi għas-servizzi ta' *catering* ġewwa l-Palazzo Abela, f'Ħal Tarxien, u li l-*invoices* tal-ordnijiet tiegħu kien jgħaddihom lilu x-xufier Clayton Ghirxi wara li dan kien ikun ikkunsinna l-ikel lill-konvenut.

9. Skont Christopher Fiteni, Gordon Borg ma kienx iħallas l-invoices mal-kunsinna u li meta kien iċempillu biex iħallas, dan kien iwieġeb 'imbagħad ngħaddi.' Huwa qal li s-soċjetà attriċi għamlet xi tliet snin tipprovdi x-xogħol lil Gordon Borg. Meta ġie mistoqsi, huwa ma setax jikkonferma x'kien l-ammont pendenti li kien għad fadal jitħallas mingħand Gordon Borg.

10. Min-naħa l-oħra, fl-affidavit tiegħu, Gordon Borg xehed li kien iħallas għall-ordnijiet dak il-ħin li ssir il-kunsinna u li jekk kien ikun hemm xi diskrepanza kien ipatti għaliha mal-ordni ta' wara.[7] Huwa jgħid li meta waqaf min-negozju tiegħu, huwa kien għamel kuntatt mal-*caterers* kollha li kien jaħdem bihom biex jara x'pagamenti kien għad fadallu jħallas, u li wara li kien tkellem mas-soċjetà attriċi, dawn laħqu ftehim biex huwa jħallas l-ammont rimanenti bin-nifs. Kien għalhekk li ġiet iffirmata l-kitba tat-22 ta' Marzu 2016, fejn Gordon Borg qabel li jħallas l-ammont ta' €600 fix-xahar.

11. Huwa ma jindikax jekk kienx għad fadal xi ammont pendenti wara l-pagament ta' €2,000 li għamel fis-7 ta' Lulju 2018, iżda jgħid li ma jistax jifhem kif is-soċjetà attriċi tikkonkludi li għad fadal is-somma ta' €18,000 x'titħallas. Huwa jargumenta li l-ebda *caterer* ma kien ser jipprovdi kreditu ta' €18,000 u li s-soċjetà attriċi qiegħda sempliċiment tieħu vantaġġ mill-ambigwità tal-kitba informali tat-22 ta' Marzu 2016, li kif diġà ntqal, ma tindikax l-ammont ta' dejn dovut.

**Analiżi tal-qorti**

12. Jekk inhu minnu dak li qal il-konvenut li kien iħallas mal-kunsinna u li kien jagħmel tajjeb għal xi diskrepanzi mal-ordni ta' wara, kull ma kien ikun dovut meta waqaf min-negozju kienet tkun id-diskrepanza skont l-aħħar ordni. Diffiċilment wieħed jemmen li din kienet ta' minn tal-inqas €2,000.

[6] Ara x-xhieda ta' Christopher Fiteni fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, mhux innumerata fil-proċess.
[7] Ara l-affidavit ta' Gordon Borg, f'paġni 73-74.



Kopja informali

13. Però minkejja dan kollu, għandu jiġi nnotat li jinkombi fuq min jallega l-eżistenza ta' xi kreditu illi jipprova l-eżistenza, u l-ammont ta' dan il-kreditu b'mod sodisfaċenti.[8]

14. Ma jistax jingħad li s-soċjetà attriċi ssodisfat dan l-obbligu f'dan il-każ. Minkejja li ngħad mill-impjegati tagħha li xehdu fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023 - li l-klijenti jiffirmaw l-*invoice* tal-ordni mal-kunsinna - dawn l-*invoices* ma ġewx ippreżentati bħala prova ta' dak kunsinnat. Lanqas ma tressqu rċevuti, jew evidenza oħra tal-ħlasijiet kollha li saru mill-konvenut, b'rendikont li juri l-ammont li kien għadu dovut, biex jintwera dak li, skont i-kumpannija attriċi, kien għadu dovut.

15. Li kieku sar hekk, l-oneru kien, in effett, jinqaleb fuq il-konvenut biex (pereżempju) jew juri li l-ordnijiet ma sarux, jew li kien hemm ħlasijiet mhux murija fil-kotba tal-kumpannija attriċi; imma dan ma sarx. Il-kitba tat-22 ta' Marzu 2016 ma tantx tista' tkun ta' għajnuna meta – kif qal il-konvenut – ma ġiex indikat fiha l-ammont ta' debitu li għad irid jitħallas mill-konvenut jew it-terminu tal-ftehim. B'hekk ma jistax jiġi aċċertat jekk għadx fadal xi dejn min-naħa tal-konvenut u, fl-affermattiv, x'inhi s-somma li għad trid titħallas.

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet qed tiġi miċħuda t-talba tas-soċjetà attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[8] Ara 1539/1999/1, *Miller Distributors Limited vs Multi Toys Limited*, Qorti tal-Appell, deċiża 16 ta' Diċembru 2002.



Kopja informali